**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 361/11**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Edward John Bonello**
**(I.D. 526091(M))**

**Illum: 29 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Edward John Bonello ta' 19-il sena, iben Marcel u Antonietta nee` Stellato, imwieled il-Pieta`, nhar is-17 ta' Ottubru 1991, residenti 31, Dimora, Triq l-Insolja, Attard, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 526091(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-7 ta' April 2011, kif ukoll f'dawn l-aħħar xahrejn:

a) Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża (*cannabis*) f'Malta, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Aktar talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar sentejn, f'ħinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:

b) Biegħ jew xort'oħra ttraffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta;

d) Produċa, biegħ jew xort'oħra traffika r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar erba' xhur, f'ħinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:

f) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*Mephedrone*) mingħajr awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

g) Talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D nhar id-9 ta' Settembru 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra;

h) Talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation*, mogħtija mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D nhar id-9 ta' Settembru 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), u l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Frar 2016 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi in atti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda:

1. **L-Ispettur Jesmond J. Borg** jgħid illi dan il-każ beda fit-23 ta' Frar 2011, meta l-Pulizija Federali ta' Brussell għaddiet informazzjoni lill-Ambaxxata Maltija ġewwa Brussell illi d-Dwana Belġjana kienet interċettat diversi pakketti postali indirizzati lejn Malta. Wieħed minn dawn il-pakketti ġie interċettat fit-2 ta' Frar 2011 mill-Uffiċju tal-Posta Ċentrali ta' Antwerp. Dan il-pakkett kien indirizzat lejn "Dimora", Triq l-Insolja, Attard, liema pakkett instabet fih borża illi kienet tikkontjeni 5.5 grammi *cannabis*. Żied jgħid illi fil-frattemp komplew deħlin aktar rapporti dwar interċettazzjoni ta' pakketti destinati lejn Malta. Jgħid ukoll illi konsegwentement, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, fis-7 ta' April 2011, Pulizija mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga esegwiet mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat odjern u saret tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu. Hemmhekk instabu erba' boroż tal-plastik li kien fihom sustanza ħadra, *crusher*, tlett boroż oħra tal-plastik li fihom kien hemm blokok tar-reżina tal-*cannabis*, biċċa oħra reżina tal-*cannabis*, żewġ *mobile phones* tal-marka 'Sharp' u *mobile phone* tal-marka 'Samsung' b'*SIM card* u erba' *SIM cards* oħra. L-oġġetti elevati ġew esebiti bħala Dokument JB4. L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija nhar is-7 ta' April 2011, wara li

ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li jeżerċitah.[1]

L-Ispettur Borg xehed ukoll illi fit-8 ta' April 2011, irċieva *e-mail* oħra mingħand l-Ambaxxata Maltija fi Brussell, li permezz tagħha ġie nfurmat li matul ix-xahar ta' Marzu 2011, id-Dwana Belġjana kienet interċettat aktar pakketti ndirizzati lill-imputat odjern, fl-indirizz tar-residenza tiegħu. Xehed ukoll illi ġo dawn il-pakketti kien hemm żewġ boroż żgħar – waħda tiżen 31.6 grammi u l-oħra tiżen 35.6 grammi. Is-sustanza kienet *cannabis*. Għalhekk fl-10 ta' April 2011 reġa' ġie arrestat l-imputat odjern, li rrilaxxja t-tieni stqarrija tiegħu dakinhar stess, wara li reġa' ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li, skont l-istess xhud, l-imputat ingħata d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[2] L-Ispettur żied jgħid illi meta għamel il-kalkoli, a bażi tad-dokumentazzjoni kollha li kien irċieva mill-Ambaxxata Maltija ġewwa l-Belġju, irriżulta illi l-pulizija ġewwa Antwerp kienet waqqfet total ta' 147.8 grammi *cannabis grass*. Żied jgħid ukoll illi "*Is-sustanza kollha ovvjament zammewha huma, baqghet ghandhom hemmhekk, ma bghatuhielnix, just infurmawna li dawk l-ammonti qeghdin ghandhom*."[3]

In kontro-eżami, l-Ispettur Borg xehed illi in kwantu l-imputazzjonijiet dwar traffikar, dawn huma bbażati fuq dak illi ddikjara l-imputat fl-istqarrija tiegħu, mil-liema jirriżulta skont l-istess Spettur illi dan kien każ ta' traffikar *by sharing*. Żied jgħid illi ma setgħux jinvestigaw aktar fuq dan il-każ u għalhekk baqgħu fuq il-verżjoni tal-imputat. Kompla jgħid illi l-preokkupazzjoni tal-pulizija kienet marbuta mal-piż tas-sustanza fl-ammont ta' kważi 150 gramma u kkonferma wkoll illi l-każ kien mibni unikament fuq dak illi stqarr l-imputat u fuq l-informazzjoni illi waslet minn Brussell. Ma saret ebda investigazzjoni jew verifika ulterjuri, apparti mal-istess imputat u li lanqas ma rriżultat prova illi l-importazzjoni ma kinitx għall-użu tal-imputat. L-Ispettur Borg jgħid illi meta marru biex jiġbru l-*laptop* tal-imputat l-għada li ġie rilaxxjat mill-arrest, sabu illi dan kien laħaq intrema b'kollox.[4]

2. Xehdu wkoll diversi uffiċjali tal-Pulizija dwar l-involviment tagħhom f'dan il-każ. **PC 1348 Joseph Campbell** jgħid illi fis-7 ta' April 2011, waqt tfittxija fir-residenza tal-imputat, fil-kamra tiegħu, instabu diversi boroż, uħud minnhom b'sustanza suspettata *cannabis grass* u oħrajn

[1] Ara din l-istqarrija a fol. 19 sa 21 tal-proċess.
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 22 u 23 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 12 tal-proċess.
[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, a fol. 9 sa 18 tal-proċess.

b'sustanza suspettata raża tal-*cannabis*, kif ukoll trab abjad li wkoll kien suspettat droga u żerriegħa suspettata tal-qanneb, flimkien ma' *crusher*.[5]

3. **PC 279 Kevin Gauci** jikkonferma dak li jgħid PC 1348 u jżid jgħid ukoll illi ġew elevati tliet *mobile phones*, erba' *SIM cards* u pipa.[6]

4. Xehdet ukoll **WPS 297 Reanne Spiteri** li kkonfermat illi mill-kamra tal-imputat ġew elevati erba' boroż żgħar b'sustanza bajda, erba' boroż żgħar b'sustanza kannella, xi *roaches*, xi *crushers*, tlett (3) *mobile phones*, erba' *SIM cards* u biċċa żgħira oħra raża tal-*cannabis*.[7]

Fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2013, id-difiża ddikjarat illi ma kinitx qegħda tikkontesta illi s-sustanza esebita f'Dok. JB4 hija *cannabis* u li għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa illi jitqabbad espert sabiex janalizza din is-sustanza; dan mingħajr ammissjoni ta' ħtija dwar l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat.[8]

Fid-dawl tax-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Attard, il-psikjatra Dr. Anthony Dimech, Ashley Cumbo u Antoinette Bonello, omm l-imputat, il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-istess imputat lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537, b'digriet tagħha tad-29 ta' Frar 2016, wara liema digriet l-imputat ġie segwit mill-imsemmi Bord sas-27 ta' Ġunju 2017. Mid-diversi rapporti tal-ħaddiem soċjali **Ashley Cumbo**, li segwa lill-imputat matul dan il-perjodu, jirriżulta illi huwa għamel l-almu tiegħu sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga, dejjem attenda l-appuntamenti illi ngħata u l-kampjuni tal-urina illi huwa ħalla dejjem irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. L-imputat waqqaf negozju tiegħu, kien f'relazzjoni stabbli u għandu relazzjoni tajba mal-familjari tiegħu.[9] Jirriżulta wkoll illi l-imputat temm il-*careplan* tiegħu quddiem il-Bord b'suċċess u għalhekk l-istess Bord bagħat lura l-każ lill-Qorti sabiex tiddisponi minnu skont il-liġi.[10]

**Ikkunsidrat ukoll**:

Qabel tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu, il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat. Kif ingħad iżjed 'il fuq, jirriżulta illi l-imputat irrilaxxja żewġ stqarrijiet, waħda fis-7 ta' April 2011 u oħra fl-10 ta' April 2011 u għalhekk fiż-żmien meta l-liġi

[5] A fol. 34 sa 36 tal-proċess.
[6] A fol. 39 sa 41 tal-proċess.
[7] Ara din ix-xhieda a fol. 44 u 45 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 8 tal-proċess.
[9] Ara dawn ir-rapporti a fol. 95 u 95A, 98 sa 100, 107 sa 109, 111 sa 113, 117 sa 119 u 124 tal-proċess.
[10] Ara n-Noti tal-Bord tat-30 ta' Marzu 2017, a fol. 120 tal-proċess u tas-27 ta' Ġunju 2017, a fol. 125 tal-proċess.

Maltija ma kinitx tipprovdi d-dritt lill-persuna arrestata u/jew suspettata illi tingħata d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu. Dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, il-Qorti tal-Appell Kriminali skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

F'dan il-każ, għalkemm id-difiża għamlet referenza għall-istqarrijiet tal-imputat fit-trattazzjoni finali tagħha, anke jekk f'dan ir-rigward irid jingħad ukoll illi din it-trattazzjoni saret fis-27 ta' Ġunju 2018 u allura qabel ma ngħataw is-sentenzi fuq ċitati, din il-Qorti jidhrilha illi fl-istqarrijiet tiegħu, l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, b'tali mod illi kemm il-darba l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni tali stqarrijiet, allura dawn sejrin definittivament ikollhom impatt fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri u għalhekk fuq l-eżitu tal-istess. Għaldaqstant, fit-termini tas-sentenzi fuq ċitati u anke fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tqis tali stqarrijiet bħala inammissibbli u qed tiskarta wkoll, bħala inammissibbli, kwalunkwe referenza għall-istess stqarrijiet.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**L-Imputazzjoni (a) – Importazzjoni tal-*cannabis***

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' importazzjoni tal-*cannabis* ġewwa Malta u dan b'referenza għas-7 ta' April 2011 u l-aħħar xahrejn ta' qabel din id-data. Din l-imputazzjoni għalhekk tirreferi għaż-żmien bejn is-7 ta' Frar 2011 u s-7 ta' April 2011.

Mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg jirriżulta illi kien fit-2 ta' Frar 2011, meta l-Posta Ċentrali ta' Antwerp interċettat l-ewwel pakkett kontenenti 5.5 grammi *cannabis* indirizzat lejn ir-residenza tal-imputat odjern ġewwa Ħ'Attard. Sussegwentement, skont din ix-xhieda, ġew interċettati pakketti oħrajn, indirizzati lill-imputat ġewwa r-residenza tiegħu. B'kollox tali pakketti kienu jikkontjenu 147.8 grammi *cannabis.* Kif jirriżulta mix-xhieda tal-istess Spettur Borg, dawn il-pakketti kollha nżammu mill-pulizija ġewwa Antwerp, b'dan għalhekk illi dawn qatt ma waslu Malta u wisq inqas ġew esebiti fl-atti ta' din il-kawża jew saret xi analiżi fuq il-kontenut tagħhom. Il-Prosekuzzjoni lanqas ma esebiet il-komunikazzjoni li kien hemm f'dan ir-rigward, iżda straħet biss fuq dak li sostna l-Ispettur Jesmond Borg in kwantu l-informazzjoni li huwa rċieva mill-esteru u l-istqarrijiet tal-imputat dwar dan. Skartati l-istqarrijiet tal-imputat għalhekk, ma jifdal xejn fl-atti li jista' jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi, fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-imputat importa l-*cannabis* jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata tali droga fit-termini tal-ewwel imputazzjoni. Ix-xhieda tal-Ispettur Borg tibqa' biss *detto del detto* u ma hija sostnuta u korroborata bl-ebda mod.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

**L-Imputazzjonijiet (b) u (d) - Traffikar tal-pjanta u tar-raża tal-*cannabis***

Permezz tal-imputazzjonijiet (b) u (d), l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' traffikar tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha u tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis.* L-Uffiċjal Prosekutur isostni illi dan kien każ ta' traffikar *by sharing*.

Jirriżulta ċar mill-provi prodotti illi l-imputat ġie addebitat b'dawn iż-żewġ imputazzjoniet unikament u esklussivament a bażi ta' dak li huwa ddikjara fl-istqarrijiet tiegħu, liema stqarrijiet ġew iżjed 'il fuq dikjarati inammissibbli.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi l-imputazzjonijiet (b) u (d) jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

**L-Imputazzjonijiet (ċ) u (e) – Pussess 'sempliċi' tal-pjanta u tar-raża tal-*cannabis***

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet, l-imputat jinsab akkużat ukoll bil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u tar-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*.

Jirriżulta mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, illi fis-7 ta' April 2011 saret tfittxija fir-residenza tal-imputat u mill-kamra tas-sodda tiegħu ġew elevati erba' boroż tal-plastik li kien fihom sustanza ħadra suspettata *cannabis grass*, *crusher*, tlett boroż oħra tal-plastik li fihom kien hemm sustanza suspettata raża tal-*cannabis* u biċċa sustanza oħra żgħira, ukoll suspettata raża tal-*cannabis*. Kif ingħad iżjed 'il fuq, fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2013, id-difiża ddikjarat illi ma kinitx qegħda tikkontesta li s-sustanza esebita f'Dokument JB 4 – ossia s-sustanza misjuba fil-kamra tal-imputat odjern fil-jum in kwistjoni – hija *cannabis* u li għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li jiġi nominat espert sabiex tiġi determinata n-natura ta' dawn is-sustanzi. In oltre jirriżulta ampjament ukoll illi fiż-żmien tal-każ, l-imputat kien dipendenti fuq id-droga *cannabis*.

Għaldaqstant, dawn iż-żewġ imputazzjonijiet jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

**L-Imputazzjoni (f): Pussess 'sempliċi' tal-mediċina psikotropika u ristretta *Mephedrone***

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bil-pussess 'sempliċi' tad-droga *Mephedrone*. Mill-atti ma jirriżultawx provi f'dan ir-rigward. Għalkemm fil-kamra tal-imputat instab xi trab abjad, biss dan baqa' ma ġiex analiżżat u għalhekk baqa' ma ġiex determinat x'kienet din is-sustanza.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

**L-Imputazzjoni (ġ): Reċidiva**

L-imputat ġie ukoll akkużat illi rrenda ruħu reċidiv u dan b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr C. Scerri Herrera nhar id-9 ta' Settembru 2008.

F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza datata 9 ta' Settembru 2008, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) vs Edward Bonello', mil-liema jirriżulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-każ, inkluż in-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern.[11]

[11] Ara s-sentenza esebita a fol. 24 sa 33 tal-proċess.

Għaldaqstant, jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Permezz tal-istess sentenza, fuq ammissjoni tal-imputat, il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħditu taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett (3) snin minn dakinhar tal-istess sentenza.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius**, fejn l-appellat f'dak il-każ ammetta *inter alia* l-addebitu tar-reċidiva u dan fir-rigward ta' sentenza li permezz tagħha, huwa kien tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*. Il-Qorti kkonkludiet illi la darba l-każ ma kienx jaqa' taħt l-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet indikati fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446, "*id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-proċeduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ... li permezz tagħha huwa tqiegħed taħt probation għal perijodu ta' tliet snin, ma setgħet QATT titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet ta' reċidiva*".

Dan l-insenjament japplika wkoll għall-każ odjern. Tqis illi lanqas f'dan il-każ, ma jsib applikazzjoni l-Artikolu 25(1)(a) u (b) tal-Kap. 446. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tal-imputat odjern permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-9 ta' Settembru 2008, permezz ta' liema l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* ma tistax titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għal fini tar-reċidiva u għaldaqstant, l-imputat ma jistax jitqies li huwa reċidiv.

**L-Imputazzjoni (h): Reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation***

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat talli kkometta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation*, mogħtija lilu minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr C. Scerri Herrera nhar id-9 ta' Settembru 2008. Kif ingħad, jirriżulta mill-vera kopja tas-sentenza fuq imsemmija, illi l-imputat f'dak il-każ, ingħata Ordni ta' *Probation* għall-perjodu ta' tliet (3) snin u għalhekk, ir-reati odjerni ġew kommessi mill-imputat odjern proprju fil-perjodu operattiv ta' dak l-Ordni. Għaldaqstant, din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata u jeħtieġ illi din il-Qorti titratta mal-imputat dwar ir-reati li tagħhom instab ħati permezz ta' dik is-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Għal fini ta' piena dwar l-imputazzjonijiet (ċ) u (e), il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali aġġornata tal-imputat, liema fedina penali tikkonsisti f'kundanna waħda dwar serq, mertu tas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008 fuq indikata, dwar liema, kif ingħad, l-imputat kien tqiegħed taħt l-Ordni ta' *Probation* fuq imsemmija.

Qieset ukoll illi l-piż tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat baqa' mhux magħruf għaliex ma saritx analiżi, għalkemm jirriżulta wkoll illi fiż-żmien tal-każ, l-imputat kien dipendenti fuq il-*cannabis.*

Tqis in oltre illi r-reati li tagħhom l-imputat kien instab ħati permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tad-9 ta' Settembru 2008, kienu 1) serq aggravat bil-valur u bil-ħin; 2) serq aggravat bil-ħin; 3) serq aggravat bil-valur u l-ħin, 4) serq aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-ħin u 5) tentattiv ta' serq sempliċi. Tqis ukoll għall-fini ta' piena dwar dawn ir-reati dak kollu li qieset il-Qorti f'dik is-sentenza tagħha u ċioe` illi l-imputat irreġistra ammissjoni bikrija f'dawk il-proċeduri, illi dak iż-żmien kellu fedina penali netta, l-eta` tenera tiegħu (u skont l-imputazzjonijiet f'dawk il-proċeduri, jirriżulta illi l-imputat kellu sittax-il sena), kif ukoll il-kooperazzjoni sħiħa tiegħu mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni tagħha, tant illi rritorna r-*res furtiva* minn rajh u ħallas il-vittmi għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħhom.

Qieset ukoll apparti dawn il-kunsiderazzjonijiet, illi dak il-każ jirrisali għas-sena 2008 u li minn dakinhar l-imputat ma kellux iżjed skontri mal-ġustizzja għajr għall-każ preżenti. Tqis ukoll illi fil-każ odjern, l-imputat ikkopera ferm mal-pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħha. Iżjed minn hekk, tqis ukoll illi kif ingħad iżjed 'il fuq, b'digriet tagħha tad-29 ta' Frar 2016, din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, wara li rriżultalha illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 kienu ġew sodisfatti, fosthom illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kellu dipendenza fuq id-droga, liema dipendenza ġiet ippruvata, a bażi tal-provi miġjuba mid-difiża, kemm mil-lat ta' gravita`, kif ukoll minn dak mediku. In oltre kif ingħad iżjed 'il fuq, wara li l-imputat ikkopera konsistentement mal-pjan ta' kura u kellu mpjieg stabbli, il-Bord bagħat il-każ lura lil din il-Qorti.

Il-Qorti m'għandhiex dubju, in vista tal-provi prodotti, illi l-imputat wettaq ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati permezz tas-sentenza tal-lum, minħabba l-fatt illi dak iż-żmien huwa kellu l-vizzju tad-droga *cannabis* u kien dipendenti fuq l-istess. Kien b'konsegwenza ta' dan ukoll illi huwa kiser l-Ordni ta' *Probation* mertu tal-imputazzjoni (ġ). Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi ma jiskolpawx lill-imputat, iżda l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi minn dak iż-żmien, huwa impenja ruħu serjament u rnexxielu jirriforma ħajtu u jirrijabilita ruħu kompletament mill-vizzju tad-droga.

Tenut kont taċ-ċirkostanzi elenkati iżjed 'il fuq, kif ukoll illi lanqas is-soċjeta` ma hija ser tibbenefika bl-ebda mod bl-inkarċerazzjoni tal-imputat illum, la darba rriforma ħajtu u jinsab integrat sew fiha, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex titratta

mal-imputat odjern għar-reati li tagħhom kien instab ħati permezz tas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008 permezz ta' piena ta' priġunerija effettiva, iżda sejra minflok tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9 sabiex tinżel taħt il-minimu tal-piena li timponi l-liġi għal tali reati. Dan ukoll kien ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Borg** tal-15 ta' Diċembru 2016 meta rinfaċċjata b'akkuża simili, u dan wara li qieset l-progress li kien għamel l-appellat fir-riforma ta' ħajtu in kwantu ħareġ mill-vizzji ta' xorb u droga, liema vizzju ta' droga ħakmu meta kien qed jiskonta piena twila ta' priġunerija, kif ukoll illi dejjem qagħad għall-gwida tal-uffiċjal tal-*Probation* u illi minn meta tressaq sa dakinhar, qatt ma nstab ħati ta' reat ieħor. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti kienet disposta li tagħti lill-istess appellat l-opportunita` li jibqa' miexi f'dik id-direzzjoni u għaldaqstant, meta ġiet biex titratta miegħu, applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a) u 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (d), (f) u (ġ) u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (ċ), (e) u (h), u fir-rigward tal-imputazzjonijiet (ċ) u (e), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tletin (30) xahar mil-lum.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (h), wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed titratta mal-ħati dwar ir-reati li tagħhom instab ħati permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) vs Edward Bonello' tad-9 ta' Settembru 2008, daqs li kieku għadu kemm instab ħati dwar l-istess reati minn jew quddiem din il-Qorti u fil-waqt illi għal kull buon fini tikkonferma tali ħtija, wara li rat l-Artikoli 18, 21, 37, 41(1)(a), 261(b), (ċ), (f), 278(1) u (3), 279(a), 280(2), 281, 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah għall-multa ta' elf, mija, erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti formanti parti minn Dokument JB4, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phones* u tas-*SIM cards* formanti parti minn Dokument JB 4 favur il-ħati.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat